# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1250

**tad-19 ta' Lulju 2022**

**dwar l-awtorizzazzjoni tal-akrilat tal-etil, l-isovalerat tal-pentil, il-butirat tal-butil 2-metil, it-2-metilundekanal, l-aċidu (*2E*)-metilkrotoniku, l-(*E,Z*)-deka-2,4-dienoat tal-etil, il-butan-2-on, l-aċetat taċ-ċikloeżil, it-3,4-dimetilċiklopentan-1,2-dion, il-5-etil-3-idrossi-4-metilfuran-2(5H)-on, il-butirat tal-fenetil, il-fenilaċetat tal-eżil, l-4-metilaċetofenon, l-4-metossiaċetofenon, it-3-metilfenol, it-3,4-dimetilfenol, il-1-metossi-4-metilbenżene, it-trimetiloksażol u l-4,5-diidrotijofen-3(2H)-on bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' tali awtorizzazzjoni. L-Artikolu 10(2) ta' dak ir-Regolament jipprevedi l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-addittivi awtorizzati skont id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE ([2]).

(2) Is-sustanzi akrilat tal-etil, isovalerat tal-pentil, butirat tal-butil 2-metil, 2-metilundekanal, aċidu (*2E*)-metilkrotoniku, (*E,Z*)-deka-2,4-dienoat tal-etil, butan-2-on, aċetat taċ-ċikloeżil, 3,4-dimetilċiklopentan-1,2-dion, 5-etil-3-idrossi-4-metilfuran-2(5H)-on, butirat tal-fenetil, fenilaċetat tal-eżil, 4-metilaċetofenon, 4-metossiaċetofenon, 3-metilfenol, 3,4-dimetilfenol, 1-metossi-4-metilbenżene, trimetiloksażol u 4,5-diidrotijofen-3(2H)-on kienu awtorizzata mingħajr limitu ta' żmien f'konformità mad-Direttiva 70/524/KEE bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali. Sussegwentement, dawk is-sustanzi ddaħħlu fir-Reġistru tal-addittivi tal-għalf bħala prodotti eżistenti, f'konformità mal-Artikolu 10(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) F'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 flimkien mal-Artikolu 7 tiegħu, tressqu bosta applikazzjonijiet għall-evalwazzjoni mill-ġdid ta' dawk l-addittivi għall-ispeċijiet kollha tal-annimali.

(4) L-applikant talab li l-addittivi jiġu awtorizzati għall-użu wkoll fl-ilma tax-xorb. Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 ma jippermettix l-awtorizzazzjoni ta' komposti aromatizzanti għall-użu fl-ilma tax-xorb. Għalhekk, l-użu ta' dawn l-addittivi fl-ilma tax-xorb jenħtieġ li ma jiġix permess.

(5) L-applikant talab biex l-addittivi jiġu kklassifikati fil-kategorija tal-addittivi "addittivi sensorjali" u fil-grupp funzjonali "komposti aromatizzanti". Ma' dawk l-applikazzjonijiet intbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tirrigwarda addittivi f'għalf għall-bhejjem (ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1).

(6) Fl-opinjonijiet tagħha tal-1 ta' Frar 2012 ([3]), tas-7 ta' Marzu 2012 ([4]), tal-25 ta' April 2012 ([5]), tas-17 ta' Ottubru 2012 ([6]), tat-12 ta' Marzu 2013 ([7]), tal-5 ta' Marzu 2014 ([8]), tal-20 ta' Ottubru 2015 ([9]), tas-26 ta' Jannar 2016 ([10]), tat-8 ta' Marzu 2016 ([11]), tal-20 ta' April 2016 ([12]), tal-25 ta' Mejju 2016 ([13]), tat-12 ta' Lulju 2016 ([14]) u tad-19 ta' Ottubru 2016 ([15]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li, fil-kundizzjonijiet proposti tal-użu, l-addittivi ma għandhomx effetti negattivi fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-konsumaturi jew l-ambjent. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li l-addittivi jenħtieġ li jitqiesu bħala irritanti għall-ġilda, għall-għajnejn u għall-apparat respiratorju u bħala sensitizzaturi tal-ġilda. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li jittieħdu miżuri protettivi xierqa sabiex jiġu evitati effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tal-utenti tal-addittiv.

(7) L-Awtorità kkonkludiet li l-addittivi huma rikonoxxuti li jagħtu t-togħma lill-ikel u l-funzjoni tagħhom fl-għalf tkun essenzjalment l-istess bħal dik fl-ikel, għaldaqstant, ma hemmx bżonn li jkun hemm aktar provi tal-effikaċja tagħhom. Ivverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodi ta' analiżi tal-addittiv tal-għalf fl-għalf, li ġie ppreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(8) Il-valutazzjoni tal-addittivi turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant, l-użu ta' dawk is-sustanzi jenħtieġ li jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(9) Jenħtieġ li jiġu previsti ċerti kundizzjonijiet għal kontroll aħjar. Partikolarment, jenħtieġ li jkun indikat kontenut rakkomandat fuq it-tikketta tal-addittivi tal-għalf. Meta dan il-kontenut jinqabeż, jenħtieġ li ċerta informazzjoni tiġi indikata fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel.

(10) Il-fatt li l-addittivi mhumiex awtorizzati għall-użu bħala aromatizzanti fl-ilma tax-xorb ma jipprekludix l-użu tagħhom fl-għalf kompost li jingħata permezz tal-ilma.

(11) Peress li r-raġunijiet ta' sikurezza ma jirrikjedux l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għas-sustanzi kkonċernati, jixraq li jingħata perjodu ta' tranżizzjoni biex il-partijiet interessati jħejju ruħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Awtorizzazzjoni**

Is-sustanzi speċifikati fl-Anness, li jaqgħu taħt il-kategorija tal-addittivi "addittivi sensorjali" u l-grupp funzjonali "komposti aromatizzanti", huma awtorizzati bħala addittivi tal-għalf fin-nutrizzjoni tal-annimali soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

([3]) *EFSA Journal* 2012;10(2):2573.
([4]) *EFSA Journal* 2012;10(3):2625.
([5]) *EFSA Journal* 2012;10(5):2678.
([6]) *EFSA Journal* 2012;10(10):2927.
([7]) *EFSA Journal* 2013;11(4):3169.
([8]) *EFSA Journal* 2014;12(3):3608.
([9]) *EFSA Journal* 2015;13(11):4268.
([10]) *EFSA Journal* 2016;14(2):4390.
([11]) *EFSA Journal* 2016;14(6):4441.
([12]) *EFSA Journal* 2016;14(6):4475.
([13]) *EFSA Journal* 2016;14(6):4512.
([14]) *EFSA Journal* 2016;14(8):4557.
([15]) *EFSA Journal* 2016;14(11):4618.

*Artikolu 2*

**Miżuri tranżizzjonali**

1. Is-sustanzi speċifikati fl-Anness u t-taħlitiet lesti minn qabel li jkun fihom dawn is-sustanzi, li huma prodotti u ttikkettati qabel id-9 ta' Frar 2023 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel id-9 ta' Awwissu 2022 jistgħu jibqgħu jiġu mqegħdin fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.

2. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom dawn is-sustanzi kif speċifikat fl-Anness, li jiġu prodotti u ttikkettati qabel id-9 ta' Awwissu 2023 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel id-9 ta' Awwissu 2022 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti jekk ikunu maħsuba għall-annimali li jipproduċu l-ikel.

3. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom dawn is-sustanzi kif speċifikat fl-Anness, li jiġu prodotti u ttikkettati qabel id-9 ta' Awwissu 2024 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel id-9 ta' Awwissu 2022 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti jekk ikunu maħsuba għall-annimali li ma jipproduċux l-ikel.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | mg tal-addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| **Kategorija: Addittivi sensorjali.**<br>**Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti** | | | | | | | | |
| 2b09037 | Akrilat tal-etil | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Akrilat tal-etil<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Akrilat tal-etil<br>Prodott b'sinteżi kimika<br>Purità: 97 %<br>Formula kimika: $C_5H_8O_2$<br>Numru CAS: 140-88-5<br>FLAVIS: 09.037<br><br>*Metodu analitiku* [1]<br>Għall-identifikazzjoni tal-akrilat tal-etil fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf:<br>Kromatografija b'fażi gassuża/spettrometrija tal-massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | L-ispeċijiet kollha tal-annimali | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br><br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana.<br><br>3. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għal kull kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %:<br>— ħnieżer u tjur: 1 mg;<br>— speċijiet jew kategoriji oħra ta' annimali: 1,5 mg."<br><br>4. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel meta l-livell tal-użu fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel tkun tirriżulta li jinqabeż il-livell imsemmi fil-punt 3.<br><br>5. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni tal-ġilda, tal-għajnejn u tan-nifs. | I-d-9 ta' Awwissu 2032 |

[1] Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | mg tal-addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| **Kategorija: Addittivi sensorjali.**<br>**Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti** | | | | | | | | |
| 2b09499 | Isovalerat tal-pentil | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Isovalerat tal-pentil<br><br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Isovalerat tal-pentil<br>Prodott b'sinteżi kimika<br>Purità: 98 %<br>Formula kimika: $C_{10}H_{20}O_2$<br>Numru CAS: 25415-62-7<br>FLAVIS: 09.499<br><br>*Metodu analitiku* ([1])<br>Għall-identifikazzjoni tal-isovalerat tal-pentil fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf: Kromatografija b'fażi gassuża/spettrometrija tal-massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | L-ispeċijiet kollha tal-annimali | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br><br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana.<br><br>3. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għal kull kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %:<br>— ħnieżer u tjur: 1 mg;<br>— speċijiet jew kategoriji oħra ta' annimali: 1,5 mg."<br><br>4. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel meta l-livell tal-użu fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel tkun tirriżulta li jinqabeż il-livell imsemmi fil-punt 3.<br><br>5. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni tal-ġilda, tal-għajnejn u tan-nifs. | I-d-9 ta' Awwissu 2032 |

([1]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | mg tal-addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| **Kategorija: Addittivi sensorjali.**<br>**Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti** | | | | | | | | |
| 2b09519 | Butirat tal-butil 2-metil | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Butirat tal-butil 2-metil<br><br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Butirat tal-butil 2-metil<br>Prodott b'sinteżi kimika<br>Purità: 95 %<br>Formula kimika: $C_9H_{18}O_2$<br>Numru CAS:<br>15706-73-7<br>FLAVIS: 09.519<br><br>*Metodu analitiku* ([1])<br>Għall-identifikazzjoni tal-butirat tal-butil 2-metil fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf: Kromatografija b'fażi gassuża/spettrometrija tal-massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | L-ispeċijiet kollha tal-annimali | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br><br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana.<br><br>3. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għal kull kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %:<br>— ħnieżer u tjur: 1 mg;<br>— speċijiet jew kategoriji oħra ta' annimali: 1,5 mg."<br><br>4. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel meta l-livell tal-użu fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel tkun tirriżulta li jinqabeż il-livell imsemmi fil-punt 3.<br><br>5. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni tal-ġilda, tal-għajnejn u tan-nifs. | I-d-9 ta' Awwissu 2032 |

([1]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | mg tal-addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| **Kategorija: Addittivi sensorjali.**<br>**Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti** | | | | | | | | |
| 2b05077 | 2-Metilundekanal | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>2-Metilundekanal<br><br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>2-Metilundekanal<br>Prodott b'sinteżi kimika<br>Purità: 97 %<br>Formula kimika: $C_{12}H_{24}O$<br>Numru CAS: 110-41-8<br>FLAVIS: 05.077 | L-ispeċijiet kollha tal-annimali | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br><br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana.<br><br>3. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għal kull kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %:<br>— ħnieżer u tjur: 1 mg;<br>— speċijiet jew kategoriji oħra ta' annimali: 1,5 mg."<br><br>4. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel meta l-livell tal-użu fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel tkun tirriżulta li jinqabeż il-livell imsemmi fil-punt 3.<br><br>5. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni tal-ġilda, tal-għajnejn u tan-nifs. | I-d-9 ta' Awwissu 2032 |
| | | *Metodu analitiku* ([1])<br>Għall-identifikazzjoni tat-2-metilundekanal fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf: Kromatografija b'fażi gassuża/spettrometrija tal-massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | | - | - | - | | |

([1]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | mg tal-addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| **Kategorija: Addittivi sensorjali.**<br>**Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti** | | | | | | | | |
| 2b08064 | Aċidu (2*E*)-metilkrotoniku | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Aċidu (2*E*)-metilkrotoniku<br><br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Aċidu (2*E*)-metilkrotoniku<br>Prodott b'sinteżi kimika<br>Purità: minimu ta' 99 %<br>Formula kimika: $C_5H_8O_2$<br>Numru CAS: 80-59-1<br>FLAVIS: 08.064<br><br>*Metodu analitiku* ([1])<br>Għall-identifikazzjoni tal-aċidu (2*E*)-metilkrotoniku fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf:<br>Kromatografija b'fażi gassuża/spettrometrija tal-massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | L-ispeċijiet kollha tal-annimali | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br><br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana.<br><br>3. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għal kull kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: - annimali tal-baħar:<br>— 0,05 mg;<br>— speċijiet jew kategoriji oħra ta' annimali: 1 mg."<br><br>4. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel meta l-livell tal-użu fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel tkun tirriżulta li jinqabeż il-livell imsemmi fil-punt 3.<br><br>5. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni tal-ġilda, tal-għajnejn u tan-nifs. | I-d-9 ta' Awwissu 2032 |

([1]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | mg tal-addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| **Kategorija: Addittivi sensorjali.**<br>**Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti** | | | | | | | | |
| 2b09260 | (*E,Z*)-deka-2,4-dienoat tal-etil | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>(*E,Z*)-deka-2,4-dienoat tal-etil<br><br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>(*E,Z*)-deka-2,4-dienoat tal-etil<br>Prodott b'sinteżi kimika<br>Purità: minimu ta' 90 %<br>Formula kimika: $C_{12}H_{20}O_2$<br>Numru CAS: 3025-30-7<br>FLAVIS: 09.260<br><br>*Metodu analitiku* ([1])<br>Għall-identifikazzjoni tal-(EZ)-deka-2,4-dienoat tal-etil fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf:<br>Kromatografija b'fażi gassuża/spettrometrija tal-massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | L-ispeċijiet kollha tal-annimali | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br><br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana.<br><br>3. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għal kull kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: - annimali tal-baħar:<br>— 0,05 mg;<br>— speċijiet jew kategoriji oħra ta' annimali: 1 mg."<br><br>4. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel meta l-livell tal-użu fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel tkun tirriżulta li jinqabeż il-livell imsemmi fil-punt 3.<br><br>5. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni tal-ġilda, tal-għajnejn u tan-nifs. | I-d-9 ta' Awwissu 2032 |

([1]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | mg tal-addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| **Kategorija: Addittivi sensorjali.**<br>**Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti** | | | | | | | | |
| 2b07053 | Butan-2-on | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Butan-2-on<br><br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Butan-2-on<br>Prodott b'sinteżi kimika<br>Purità: minimu ta' 99.5 %<br>Formula kimika: $C_4H_8O$<br>Numru CAS: 78-93-3<br>FLAVIS: 07.053<br><br>*Metodu analitiku* ([1])<br>Għall-identifikazzjoni tal-butan-2-on fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf:<br>Kromatografija b'fażi gassuża/spettrometrija tal-massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | L-ispeċijiet kollha tal-annimali | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br><br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana.<br><br>3. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għal kull kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %:<br>— ħnieżer u tjur: 1 mg;<br>— speċijiet jew kategoriji oħra ta' annimali: 1,5 mg."<br><br>4. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel meta l-livell tal-użu fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel tkun tirriżulta li jinqabeż il-livell imsemmi fil-punt 3.<br><br>5. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni tal-ġilda, tal-għajnejn u tan-nifs. | I-d-9 ta' Awwissu 2032 |

([1]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | mg tal-addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| **Kategorija: Addittivi sensorjali.**<br>**Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti** | | | | | | | | |
| 2b09027 | Aċetat taċ-ċikloeżil | *Kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Aċetat taċ-ċikloeżil<br><br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>Aċetat taċ-ċikloeżil<br>Prodott b'sinteżi kimika<br>Purità: > 98 %<br>Formula kimika: $C_8H_{14}O_2$<br>Numru CAS: 622-45-7<br>FLAVIS: 09.027<br><br>*Metodu analitiku* ([1])<br>Għall-identifikazzjoni tal-aċetat taċ-ċikloeżil fl-addittiv tal-għalf u fit-taħlitiet lesti minn qabel aromatizzanti tal-għalf: Kromatografija b'fażi gassuża/spettrometrija tal-massa b'illokkjar tal-ħin ta' retenzjoni GC-MS-RTL. | L-ispeċijiet kollha tal-annimali | - | - | - | 1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.<br><br>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana.<br><br>3. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej:<br>"Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva għal kull kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: - annimali tal-baħar:<br>— 0,05 mg;<br>— speċijiet jew kategoriji oħra ta' annimali: 1 mg."<br><br>4. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel meta l-livell tal-użu fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel tkun tirriżulta li jinqabeż il-livell imsemmi fil-punt 3.<br><br>5. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni tal-ġilda, tal-għajnejn u tan-nifs. | I-d-9 ta' Awwissu 2032 |

([1]) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | mg tal-addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 % | | | |
| **Kategorija: Addittivi sensorjali.**<br>**Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti** | | | | | | | | |
